HAL BALZAN

IS-SITT SENA NRU. 32 | LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU | NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1976

EDITORJAL

• **IL-KAROZZI TAL-LINJA NRU. 40**

X'aktarx li ħafna huma l-Balzanin li jużaw it-trasport pubbliku li kellhom ix-xorti ħażina li jdumu jistennew ħin twil fuq l-istejġ sakemm tasal il-karozza Nru. 40, jiġifieri 'Attard via Balzan'. Tabilħaqq li wieħed ma jridx ikun imgħaġġel jew ikollu ħafna ħin x'jaħli biex ikun jista' juża s-servizz ta' din il-linja, bid-dewmien eżaġerat tagħha, l-aktar f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata! Ma nkunux qegħdin ngħaġġbuha meta ngħidu li kien hemm każi meta wieħed kellu jistenna nofs siegħa u anke tliet kwarti, sakemm ġiet ix-xarabank!

Dan mhux sewwa. In-nies tat-tliet irħula, li normalment jużaw din il-linja, huma ċittadini bħall-bqija tal-Maltin, u għalhekk għandhom id-dritt li jkunu moqdija b'servizz ta' trasport pubbliku tajjeb, efficjenti, u puntwali. Għax għandu wieħed joqgħod jimxi sa 'Naxxar Road' biex jirkeb malajr? Dan qed niktbuh għax smajna l-ilmenti ta' bosta Balzanin li jħossu li m'humiex moqdijin tajjeb.

Għalhekk nagħmlu appell lil min hu responsabbli sabiex isir dak kollu li hu possibbli ħalli s-servizz jiġi rranġat għal aktar kumdità tal-Balzanin u wkoll tal-ġirien tagħna, ir-residenti ta' Ħal Lija u H'Attard. Nittamaw li dan il-problema jiġi solvut mill-aktar fis, billi jittieħdu l-passi meħtieġa. Aħna żguri li dan l-ilment ġenwin tagħna jingħata l-kunsiderazzjoni li tixraqlu.

• **NERĠGĦU GĦALL-PITTURA**

Waħda mill-affarijiet li tat pjaċir lill-Balzanin fil-festa titulari li għaddiet kienet li raw b'għajnejhom li nbeda x-xogħol tal-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju. Issa l-festa ilha aktar minn erba' xhur li għaddiet u dalwaqt jibda l-ġbir għall-festa tas-sena d-dieħla. Minkejja dan kollu, ix-xogħol tal-pittura milli jidher għadu ma tkompliex u lanqas għadu ma nbeda l-ġbir sabiex tintlaħaq is-somma mitluba mill-pittur. M'għandna l-ebda dubju li l-pittura mhix se titkompla, biss ma nixtiqux li nibqgħu b'qalbna ttaqtaq sal-ġimgħa ta' qabel il-festa, jew li sal-festa li ġejja l-pittura ma tkunx lesta minn kollox. Jalla dak li għandu jsir isir, forsi wkoll sal-Milied naraw xi parti oħra minnha lesta.

• **L-INDAFA F'ĦAL BALZAN**

L-indafa ta' Ħal Balzan hija xi ħaġa li lkoll kemm aħna għandna għax inkunu kburin biha, għax din hija waħda mill-attrazzjonijiet tar-raħal tagħna. Biss Ħal Balzan jibqa' nadif kemm għandna ħila nżommuh aħna. L-indafa fil-post fejn ngħixu hija xi ħaġa li kulħadd għandu jkun għajjur għaliha u għandu jmidd idejh biex tinżamm. Mhix ħaġa li tissuġġeriha 'l ħaddieħor jekk inti nnifsek ma żżommhiex. Imma jekk ilkoll kemm aħna nagħmlu ħilitna fi sforz kollettiv, Ħal Balzan jibqa' dak ir-raħal nadif li dejjem kien.

Hekk, ngħidu aħna, issa li l-Elezzjonijiet Ġenerali fil-pajjiż ilhom xahrejn li għaddew, min jaf li kieku lkoll kemm aħna nagħmlu kampanja biex inneħħu l-ftit karti ta' propaganda li għad baqa' mwaħħlin mal-ħitan u li qegħdin ikerrhu l-wiċċ sabiħ tar-raħal tagħna? Ħafna minn dawk il-'posters' diġà tneħħew mill-Gvern u minn xi żgħażagħ, biss għad baqa' ħafna xi jsir. Il-knisja ż-żgħira ta' Santu Rokku għadha mimlija karti ta' l-elezzjoni. Issa li dawn il-karti qdew il-għan tagħhom, żgur li tkun ħaġa ta' min ifaħħarha li kellna naqilgħuhom u nżommu l-ħitan u t-toroq tagħna nodfa u puliti.

REAL LEATHER

BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .
BAGS . . . BELTS . . .

FANTASTIC COLOURS TO CHOOSE FROM
AND MADE-TO-MEASURE (IN ANY SIZE)

ZAMMIT LA ROSA

FOOTWEAR LTD.

Good Shepherd Avenue, Balzan
Telephone: 41082

IL-KNISJA PARROKKJALI (20)

IL-KAMPNAR

Dwar l-arloġġ il-qadim tal-Kampnar baqgħalna ngħidu li dan l-arloġġ kellu kwadrant wieħed bin-numri rumani suwed fuq sfond abjad. Il-ħin kien jiġi muri minn minutiera waħda. Kien idoqq il-kwarti u s-sigħat fuq żewġ qniepen li kienu jintużaw għad-daqq ta' l-arloġġ biss. Nistgħu ngħidu li dan l-arloġġ wera l-ħin għal 226 sena sħaħ.

Benefatturi ta' l-arloġġ

Fl-atti tan-Nutar Mattia Hagius, insibu li nhar it-8 ta' Frar 1738 Orazju Mifsud ħalla biċċa art magħrufa ta' "Capra" biex minn legat ta' din l-art jista' jitħallas l-arloġġ. Aktar tard, wara l-mewt ta' Orazju Mifsud, fl-atti tan-Nutar Grech insibu li f'Diċembru 1744 ġew imqabbda Duminku Tonna u Mikiel Cassar biex ikejlu l-art fuq imsemmija li ħalla Orazju Mifsud biex din tista' tingħata. Insibu wkoll li kien l-aralju Maruzz Fenech li ħa l-pubblikazzjonijiet ta' l-imsemmija art fil-parroċċi ta' Birkirkara, Ħal Lija, H'Attard u n-Naxxar. (1)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

L-ARLOĠĠ IL-ĠDID

Iż-żminijiet jitbiddlu u mal-progress tal-mekkanika u tax-xjenza tfaċċaw l-arloġġi ta' l-elettriku. Mal-bidla taż-żmien kellu wkoll jitbiddel l-arloġġ il-qadim tal-Parroċċa tagħna. Semmejna l-inkonvenjenzi li kien qed joħloq dan l-arloġġ, bħalma huma ħsara fil-makkinarju, taħbit u għeja biex toqgħod titla' mad-disgħin tarġa biex tagħti l-ħabel kull darba lil dan l-arloġġ. Għalhekk meta benefattur deher li jrid iħallas għal arloġġ ta' l-elettriku għall-knisja tagħna, din l-ideja ntlaqgħet bil-ferħ.

Id-Ditta "Petit & Fritsen Ltd."

Ġiet inkarigata d-Ditta "Petit & Fritsen Ltd." ta' l-Olanda biex tesegwixxi t-tqegħid ta' l-arloġġ. Għal dan il-għan ġie f'isem id-ditta s-Sur Fritsen stess u, wara li eżamina l-Kampnar u dak kollu li kellu x'jaqsam ma' dan l-arloġġ, inġabu fil-knisja l-partijiet meħtieġa flimkien mal-'master clock' u l-pjanta u ċ-'chart' tal-'wiring' tiegħu. Is-Sur Fritsen għadda din iċ-'chart' f'idejn is-Sur Valent Micallef u s-Sur Valent Chetcuti li flimkien ħadmu b'kapaċita kbira u stinkaw biex f'qasir żmien iqiegħdu dan l-arloġġ elettriku. L-arloġġ beda jiffunzjona nhar il-Milied tal-1970 wara li ġie mbierek mill-Kappillan, il-Kan. Carmelo Sciberras.

għal paġna 2 ■

F'għeluq il-mitt sena mill-mewt ta'

MONS. ISQOF ANTON GRECH DELICATA J.U.D.



Nhar il-31 ta' Diċembru ta' din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Mons. Isqof Anton Grech Delicata, li jinsab midfun fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Mons. Anton Grech Delicata J.U.D. twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' Frar 1823, mill-Kavallier Dr. Bartilmew Grech Delicata mill-Belt u martu n-nobbli Annunzjata "dei Marchesi Testaferrata Cassia" minn Ħal Balzan. Huwa studja f'Ruma fejn akkwista d-dottorat f'"Ambo le Leggi — Canonica e Civile". Fl-1868 laħaq it-tieni isqof t'Għawdex u żamm din il-kariga sa mewtu. Miet fil-Belt Valletta wara marda qalila fl-età żgħira ta' 53 sena fil-31 ta' Diċembru 1876.

Mons. Grech Delicata ndifen fil-qabar tal-familja fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. Il-lapida kbira tar-rħam li tinsab mal-pilastru ewlieni faċċata tal-pulptu fil-korsija tal-knisja tfakkar lil dan l-Isqof li tant kien iħobb lil Ħal Balzan li ħalla wkoll b'wirt lil dil-Parroċċa l-kappell kbir aħdar pastorali tiegħu. (Aktar tagħrif dwar Mons. Grech Delicata deher fil-ħarġa 18 ta' din il-gazzetta).



IL-MILIED IT-TAJJEB

LIL KULĦADD

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

AWWISSU 1976

Fix-xhur tas-sajf l-attivitajiet fil-Parroċċa, tista' tgħid, jonqsu xi ftit, billi ħafna Balzanin iħallu r-raħal u jmorru jqattgħu dawk l-erbat ijiem fid-djar tal-villaġġjatura ħdejn il-baħar. B'danakollu, il-ħidma ta' kuljum tal-għaqdiet tibqa' sejra.

Bejn it-23 u t-28 t'Awwissu ġiet organizzata fil-Museum tas-subien Ġimgħa Sportiva għat-tfal subien tar-raħal. Ħafna tfal u żgħażagħ ħadu sehem attiv f'din il-ġimgħa billi ngabru fil-Museum u, wara ħsieb spiritwali qasir, lagħbu bejniethom u kkompetew sportivament. Ir-rebbieħa ġew ippreżentati b'diversi premjijiet mis-Superjur.

SETTEMBRU 1976

Nhar is-Sibt, 4 ta' Settembru, fis-Sala Parrokkjali 'Aurora', ġiet ippreżentata r-'rock opera' "Jesus Christ Superstar" miż-żgħażagħ tal-Youth Centre tal-Parroċċa flimkien ma' dawk tal-Youth Centre ta' Raħal Ġdid. Din ir-rappreżentazzjoni kienet suċċess kbir u fiha deher ċar kemm hemm talent tajjeb fiż-żgħażagħ tagħna.

Nhar l-Erbgħa, 29 mix-xahar, saret fil-Parroċċa l-festa ta' San Mikiel Arkanġlu. Mill-Ħadd sat-Tlieta sar it-tridu f'ġieħ il-qaddis billi ngħadet il-kurunella. L-Erbgħa, il-quddies kollu kien bl-omelija. Fil-5.30 p.m. sar l-għasar, u wara purċissjoni bl-istatwa. Wara l-purċissjoni, kien hemm il-quddiesa kantata bl-omelija mill-Kan. Vincenzo Azzopardi, u wara ċelebrazzjoni ewkaristika u professjoni fil-fratellanza ta' San Mikiel.

IL-KUNSILL PAROKKJALI JKOMPLI JIMXI 'L QUDDIEM

It-tieni nofs ta' nhar li għamilna flimkien nhar is-Sibt, 11 ta' Settembru, reġa' kien suċċess. Did-darba, aħna kkonċentrajna fuq x'inhuma l-iżjed affarijiet li għandna bżonn nagħtu spinta 'l quddiem biex f'Ħal Balzan naraw qawmien spiritwali ġdid.

L-iżjed interessanti kienet diskussjoni fuq "Christian Fellowship", jew inkella dik l-unità li għandha teżisti bejn in-nies ta' Ħal Balzan minħabba l-għaqda tagħhom ma' Kristu. Fil-parroċċa tagħna, jew ngħixu ta' kommunita waħda fejn it-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu jegħleb kull preġudizzju, għira jew iżolament ispirati minn opinjonijiet umani, jew inkella r-reliġjon tkun biss forma mingħajr ħajja.

Milli rajna, jidher ċar li fil-parroċċa hemm bżonn li jieħdu sehem attiv iżjed nies: letturi, kantani, organisti, nies li jżuru l-morda, u ħafna għemejjel li jirrikjedu nies 'l lesti jservu 'l Kristu mhux biss b'parteċipazzjoni superfiċjali ta' darba nhar ta' Ħadd imma b'impenn konkret skond t-talent li Alla jagħti lil kull min jitwieled.

Ġew iffurmati tliet sotto-kumitati: Liturġija, Katekètika, u Familja, li dawn, 'il quddiem, jikkordinaw attivitajiet li, bl-għajnuna t'Alla, se jagħtu ħajja ġdida evanġelika f'Ħal Balzan. ITOLBU u itolbu għalina...u min għandu xi suġġeriment, jagħtih.

J.C. AQUILINA
P.R.O. KUNSILL PARROKKJALI,

OTTUBRU 1976

Fl-ewwel ġimgħa t'Ottubru fil-Museum tas-subien ġiet organizzata Ġimgħa Marjana. Din il-Ġimgħa fetħet nhar l-1 t'Ottubru b'quddiesa fil-kappella tal-Museum għall-membri kollha. Qaddes il-Kappillan, il-Kan. Carmelo Sciberras, li fl-istess okkażjoni bierek ukoll statwa ħelwa ta' Marija Annunzjata li nxtrat u ġiet irrestawrata mill-membri stess tal-qasam. Nhar it-Tlieta, 5 tax-xahar, bħala parti mill-attivitajiet ta' din il-Ġimgħa, saret laqgħa għall-ġenituri tat-tfal kollha li jmorru l-Museum. F'din il-laqgħa, li għaliha attendew għadd sabiħ ta' missirijiet u ommijiet tat-tfal, il-ġenituri kellhom iċ-ċans jiddiskutu wkoll il-problemi ta' wliedhom.

Fis-7 t'Ottubru, saret fil-Parroċċa l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-5.30 p.m. tkanta l-għasar, u fis-6.00 p.m. ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna, li fiha ħadu sehem l-għaqdiet u l-poplu kollu. Fil-purċissjoni ngħad ir-Rużarju minn fuq 'amplifier' ġdid li nxtara mill-flus tas-Sala Parrokkjali. Wara l-purċissjoni kien hemm il-quddiesa kantata bl-omelija fuq ir-Rużarju minn Dun Ġużepp Zammit.

Nhar it-28 tax-xahar, festa ta' l-Appostli San Xmun u San Ġuda Taddew, saret għall-ewwel darba fil-Parroċċa quddiesa f'ġieħ l-Appostlu San Ġuda b'diskors qasir, billi issa fil-Parroċċa għandna pittura ta' dan il-qaddis li tqiegħdet fil-knisja tagħna, sewwasew fuq il-kwadru ta' San Pawl Eremita. Din il-pittura ġdida, xogħol il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi, hija għotja tal-mejjet is-sur Wiġi Briffa minn Ħal Balzan.

Il-Ħadd, 31, t'Ottubru, ġiet ippreżentata fis-Sala Parrokkjali l-operetta ħelwa "Erbgħa għal Erbgħa" mill-kumpanija teatrali tal-Parroċċa 'Balzan Stage Amateurs'. Fiha ħadu sehem numru sabiħ ta' atturi u attriċi. L-operetta kienet imtellgħa tajjeb ħafna u kull minn kien preżenti ħareġ sodisfatt.

ITTRI LILL-EDITUR

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

Sur Editur,

Billi ma nħossni xejn konvint bl-ittra ta' Dr. P. Cassar dwar il-balavostri fuq il-knisja (Ħal Balzan, Sett./Ott. 1976), ikolli naħlilek ftit spazju ieħor biex nikkummenta dwar din l-ittra. Kif qal Dr. Cassar, veru li għandi entużjażmu biex nara l-knisja tagħna komplita u msebbħa korrettament, mhux biss minn ġewwa imma wkoll minn barra, kif jixraq lit-tempju t'Alla u kif titlob l-arti.

Dan inkompli nirribattih mhux minħabba d-dritt personali ta' l-opinjoni tiegħi bħala tali, imma biex nikkuntenta l-opinjoni korretta ta' ħuti l-Balzanin li jixtiequ jaraw il-knisja tagħna li tant iħobbu komplita, għax jafu li din l-idea tal-balavostri ġiet studjata u approvata minn diversi esperti ta' l-arkitettura.

Dr. Cassar qal li hemm bżonn li wieħed joqgħod għad-deċiżjoni tal-Ġ u n t a bħala awtorità li tħares il-wirt artistiku tal-knejjes. Dan napprovah meta d-deċiżjoni tkun korretta, imma meta tkun żbaljata qatt. Iżjed lura f ħarġiet oħra tal-gazzetta (*Ħal Balzan*), jiena kont ktibt li d-deċiżjoni tal-Ġunta kienet perplessa. Issa nagħti r-raġuni. Minn ħames persuni li jiffurmaw il-Ġunta, meta eżaminaw il-proġett tal-knisja kienu erbgħa, u l-uniku fosthom li huwa espert, u li huwa awtorità fl-arti sagra u profana (u li lili privatament approvali l-proġett cum summa autoritate), ma kienx preżenti, u d-deċiżjoni kienet: tnejn iva u tnejn le, u dawk li qalu le kienu ta' l-opinjoni li l-apramorta tista' ssir imma magħluqa, ossija lixxa. Allura aħna, wara l-approvazzjoni ta' diversi arkitetti, ridna li l-knisja tkun inkurunata bil-balavostri biex tippareġġja mal-kampnar.

Dr. Cassar qal li sakemm ma nstabx id-disinn oriġinali tal-knisja għandna nżommu l-istruttura tagħha kif inhi. Din l-idea assolutament mhix korretta, għar-r a ġ u n i li d-disinjaturi kollha li ddisinjaw il-knejjes jew xi edifiċċji oħra kollha ddisinjawhom bl-apramorta, min lixxa u min bil-balavostri. Raġuni oħra: il-knejjes kollha, tant ta' ordni arkitettoniku, kif inhija l-knisja tagħna, kemm ta' stil Gotiku, Biżantin, eċċ., kollha jesiġu l-apramorta balavostrali; din hija regola ġenerali. Barra minn Malta ma tarax knisja mingħajr apramorta. Dr. Cassar semma parroċċi oħra, bħalma hija ta' H'Attard, li ħadd ma żied jew naqqas minnha. Il-knisja ta' H'Attard iżjed tesiġi l-balavostri għax hija ta' ordni kompost, i.e. iżjed sinjorili fl-ordni arkitettoniku. Però f'parroċċi oħra antiki daqs ta' H'Attard jew iżjed għamluhom il-balavostri, bħal dik ta' San Pawl tar-Rabat, u dan minn 20 sena 'l hawn, u issa preżentement qegħdin jitqiegħdu l-balavostri (però kwadri) fuq il-parti antika tal-knisja ta' Ħad-Dingli.

Dr. Cassar qal li l-Ġunta Ekkleżjastika m a g ħ m u l a minn ħames esperti. Jiena, mingħajr biża' ta' xejn però bir-rispett kollu, ngħid li ma huma esperti xejn, bl-eċċezzjoni ta' wieħed biss. Jiena se nsemmi żewġ każi biss li fihom kelli mano in pasta. Meta ppreżentajna d-disinn tal-fontijiet ta' l-i l m a mbierek, ir-risposta tal-Ġunta kienet negattiva. Wara li ndagajt x'kienet ir-raġuni, qaluli li l-anġlu li hemm fuq il-fonti m'għandux x'jaqsam ma' l-ilma mbierek. Jiena weġibthom li l-anġlu huwa bħala kompless fl-ornament tal-fonti. Imbagħad erġajna ppreżentajna l-*istess disinn* b'firma oħra, u hekk ġie approvat. Allura din serjetà? Allura dawn tgħidilhom... esperti?

Il-każ l-ieħor kien meta saru d-disinji tal-paviment tal-knisja. Il-Ġunta ħarġet dawn il-kondizzjonijiet lid-disinjaturi: il-kuluri ta' l-irħam għandhom ikunu griż, iswed u abjad, u faxex dojoq xejn. X'ġara? Żewġ disinji li kienu adattati ħafna u skond il-kondizzjonijiet tal-Ġunta ġew diżapprovati, imbagħad wieħed minn tal-Ġunta għamel id-disinn li hemm attwalment fil-knisja, u dan id-disinn, mimli kollu kuluri, aħdar u isfar u aħmar, u mimli kollu faxex, kollox kontra l-kundizzjonijiet tal-Ġunta, u di più l-iktar irħam irreżistibbli u fraġli. Issa hawn qiegħed l-ikbar żball: il-kappelluni tagħna huma perfettament kwadri u mgħottijin b'koppletta perfettament tonda, u taħt din it-tondjatura fil-paviment hemm 'quadro lungo' li jokkupa l-ispazju tal-kappellun, illi dan mhux biss jistona mal-kompless tal-kappellun imma l-kwalità dijametrikament kontra l-ordni arkitettoniku tal-kappellun. Dawn huma l-kwalità ta' esperti tal-Ġunta tal-Kurja! Mela għandix raġun ngħid li l-membri tal-Ġunta ma huma esperti assolutament xejn?

Jiena kontra Dr. Cassar m'għandi xejn, però nifhem li d-dubji u d-diffikultajiet li kellu Dr. Cassar issa solvejthomlu konkretament u b'mod klassiku, u mhux bl-opinjoni personali tiegħi imma fuq ir-regoli li jagħtu l-awturi ta' l-arkitettura bħalma huma Giacomo Baricozzi, Vignola, eċċ. eċċ.

Jien nixtieq nirringrazzja lill-Editur tal-gazzetta tagħna ta' l-ispazju li okkupajtlu biex nuri lill-Balzanin li jħobbu tant il-knisja tagħna, li tassew jixirqilha din il-kuruna tal-balavostri biex tkun kompletament perfetta.

Ħal Balzan

Kan. Spiridione Sammut.

Nota ta' l-Editur: Billi jidher li ħarġu l-opinjonijiet kollha, sew favur kif ukoll kontra dan is-suġġett, din il-korrispondenza hija issa magħluqa.

IL-FESTA F'ĦAL BALZAN

Sur Editur,

Nixtieq ninqeda bil-gazzetta "Ħal Balzan" biex nifraħ lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu b'xi mod jew ieħor mal-festa tal-Lunzjata.

Verament kien hawn għaxqa f'dan ir-raħal sabiħ matul il-jiem kollha tal-festa. It-tiżjin kien stupend; il-pavaljuni ġodda huma wkoll sbieħ; il-logħob tan-nar kien fih x'tara; u l-baned irnexxielhom ikomplu jferrħuna.

Il-festi ta' ġewwa għenu ferm biex iressquna aktar lejn il-Mulej u lejn l-Għażiża Ommu. Il-poplu Balzani deher ferħan u l-ispirtu nisrani kien jidher jiddi f'għajnejn kulħadd.

Din il-festa lili għamlitni nħobb lil Ħal Balzan iżjed milli qatt ħlomt li hu possibbli. Tassew ħaqqkom prosit ilkoll.

Int, sur Editur, u sħabek tal-Kunsill Ċiviku, żgur taf tajjeb x'inhuma l-bżonnijiet ta' Ħal Balzan. Nixtieq għalhekk nitolbok biex permezz ta' din il-gazzetta, jew, b'liema mod int tħoss li hu l-aħjar, turini x'inhuma l-bżonnijiet ta' dan ir-raħal sabiħ ħalli jien inkun nista' nagħti l-kontribut tiegħi għall-ġid ta' Ħal Balzan.

Mosta.

Joe C. Quattromani.

IL-KAMPNAR

■ *minn paġna 1*

Kif inhu dan l-arloġġ il-ġdid

Dan l-arloġġ għandu żewġ kwadranti u mhux wieħed bħalma kellu l-qadim. Għad li n-numri baqgħu rumani suwed fuq sfond abjad, għandu żewġ minutieri u mhux minutiera waħda bħalma kellu l-ieħor ta' qablu. F'dan l-arloġġ insibu li d-daqq tal-kwarti u s-sigħat qed isir fuq żewġ qniepen aktar kbar minn dawk li kellu l-arloġġ ta' qablu. Il-makkinarju elettriku ta' dan l-arloġġ qiegħed fuq is-'switch-board' fis-sagristija fejn hemm ukoll il-'masterclock'.

L-istorja ta' dan l-arloġġ għadha fil-bidu tagħha għaliex għadu ġdid, iżda min jaf x'għad jinkiteb dwar dan l-arloġġ meta jilħaq l-età ta' dak ta' qablu?

Referenzi

1. Arkivju Parr.: Lib. 56

CORDINA HALL

CARMEL STREET, BIRKIRKARA

TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.

Aħsbu kmieni għall-Booking.

Tel: 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:

F. CORDINA & SONS

CORDINA SHOWROOM

Bishop Labini Street, Birkirkara

SUĊĊESS AKBAR GĦAD-DITTA "J. BRIFFA & SONS" F'MONACO

Fil-ħarġa tal-gazzetta tagħna ta' Settembru/Ottubru 1975, konna fraħna lid-ditta "J. Briffa & Sons" li kienu pparteċipaw għall-ewwel darba f'konkors tal-logħob tan-nar — murtali tal-kulur — li jsir kull sena fil-prinċipalità ta' Monaco ġewwa Franza. F'dan il-għaxar konkors id-ditta "J. Briffa & Sons" irnexxielhom jiksbu t-tieni post, ħaġa li għamlet unur kbir mhux biss lilhom u lil Ħal Balzan, ir-raħal tagħhom, iżda wkoll lil Malta, art twelidhom.

Din is-sena wkoll, id-ditta "J. Briffa & Sons" kienu mistiedna biex jieħdu parti fil-ħdax-il konkors tal-logħob tan-nar ta' din il-prinċipalita' ta' Monaco. Din id-ditta, li l-lum nistgħu ngħidu li għandha isem u fama internazzjonali, ippreparat il-logħob tan-nar li bih kienet se tieħu parti f'dan il-konkors b'reqqa kbira u wara li x-xogħol kien lest ġie mibgħut minn Malta għal Monaco.

Fis-7 t'Awwissu ta' din is-sena, ulied is-sur Briffa, Charlie u Tony, telqu bl-ajru minn Malta u marru għal Monaco sabiex ikunu jistgħu jaħarqu l-murtali tagħhom u fl-istess ħin jassistu għal dan l-ispettaklu grandjuż u divertenti tal-logħob tan-nar.

Wasal l-aħħar jum ta' dawn il-ħamest ijiem ta' l-ispettakli tal-logħob tan-nar ta' dan il-XI-il Festival Internazzjonali, li kien fl-10 t'Awwissu u li għalih daħlu konkorrenti minn dawn il-pajjiżi: il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Amerika, u Malta.

Kienet id-ditta Maltija ta' "J Briffa & Sons" li kellhom jaħarqu sett ta' murtali tal-kulur ta' dik l-aħħar serata, meta wara salut qawwi b'tir mgħaġġel dan is-sett tela' fis-sema u nfetaħ f'disinji oriġinali bi ġmiel mill-isbaħ. Ix-xogħol kollu ta' dan is-sett ta' murtali tal-kulur kien ta' kwalità tajba, fin ħafna u mdawwal, u l-ftuħ ta' l-aħħar, jiġifieri l-bukketti, kien mimli f'partijiet ta' bosta lwien. Ix-xogħol tagħhom kien milqugħ b'ċapċip kbir mill-ispettaturi preżenti. Wara din l-aħħar wirja spettakoluża minn dawn il-ħames konkorrenti, il-ġurija, li kienet ippreseduta minn M. Jean Notari Sindku ad interim, waslet għad-deċiżjoni tagħha u tat l-ewwel premju lid-ditta "J. Briffa & Sons".

Prosit u prosit tassew lil din id-ditta li wara das-suċċess kbir f'dan il-Festival ġiet inkarigata biex tagħmel il-logħob tan-nar tal-Festa Nazzjonali ta' Monaco u tal-festa ta' Sainte-Devote. Barra minn hekk, din id-ditta se tidħol għat-XII-il Festival Internazzjonali ta' Monaco f'Awwissu tas-sena li ġejja, li l-konkorrenti tiegħu se jkunu dawk li ħadu l-ewwel premju f'dawn is-snin; 1972 — Igual ,Spanja; 1973 — Caballer, Spanja; 1974 — Williams Crespo, Venezuela; 1975 — Martarello, l-Italja; u 1976 — Briffa, Balzan, Malta.

Filwaqt li nifirħulhom għas-success li ġa kisbu fiż-żewġ Festivals Internazzjonali ta' Monaco, b'mod speċjali għas-suċċess ta' din is-sena, nawgurawlhom suċċessi simili f'konkorsi internazzjonali ta' din l-għamla.

Valentino Muscat.

- Rokna għat-Tfal -

Tfal għeżież,

Riesaq ġmielu ż-żmien sabieħ tal-Milied Imqaddes. Xi wħud minnkom ġa qed tieqfu tħarsu lejn l-armaturi tal-ħwienet biex taraw il-kartolini, pasturi tal-presepju, toys u ħwejjeġ oħra. Hawn min minnkom li ġa jaf x'ser tixtrilu l-mummy jew id-daddy jew iz-zijiet tiegħu.

Iżda qatt ħsibtu li hawn tfal bħalkom li f'dan iż-żmien tar-rigali qatt ma jaqilgħu xejn, qatt ma jkollhom biex jifirħu jew jilagħbu? Għalkemm minn dawn m'hawnx ħafna, iżda spiss niltaqgħu magħhom tant fl-iskola kemm barra.

Għalhekk ġieni ħsieb biex f'din is-sena nħajjarkom tagħmlu xi ħaġa sabiħa. Ibdew minn issa faddlu xi ħaġa żgħira tal-flus ukoll jekk tiċċaħdu minn xi ftit ħelu jew xi ħaġ' oħra, u fi żmien il-Milied ixtru xi ħaġa u agħtuha lil xi tifel bħalkom li tkunu tafu li miskin mhux ixxurtjat daqskom.

Li tagħti minn qalbek hu aktar ta' ferħ milli taqla' mingħand ħaddieħor. Infatti l-Anġli kantaw glorja 'l Alla meta Hu stess sar bniedem u ta' lilu nnifsu kollu kemm hu għalina fil-maxtura ta' Betlehem.

Il-Milied it-Tajjeb

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Kif tafu, din hija l-ħarġa ta' Novembru/Diċembru, u f'Diċembru nagħmlu l-festa kbira tal-Milied. Jiena żgur li lkoll kemm intom tistennew din il-festa b'ħerqa kbira għar-rigali li taqilgħu. Xieraq għalhekk li l-kompetizzjoni ta' din id-darba tkun fuq din il-festa, li tfakkarna fit-twelid ta' Ġesù Bambin. Naraw għandkomx il-ħila twieġbu dawn il-mistoqsijiet!

1. **Liema qaddis beda d-drawwa sabiħa tal-presepju?**
2. **Liema hija l-aktar ħaġa prominenti fil-presepju?**
3. **Fejn tqiegħed Ġesù Bambin meta twieled?**
4. **Min huma ż-żewġ persuni li hemm maġenbu fil-grotta?**
5. **Skond it-tradizzjoni, liema annimali kienu fejn Ġesù biex isaħħnuh?**
6. **Liema għaqda tagħmel il-purċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied?**

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru 1976.

It-tweġiba ta' l-aħħar kompetizzjoni kienet:-

Irid ikollok 45 munita ta' ħames milleżmi biex jiżnu nofs kwart (tliet uqijiet u nofs). Billi fost il-kompetituri, li ma kenux ħafna, ma kien hemm l-ebda tweġiba tajba, il-premju tajnieh liż-żewġ kompetituri li taw it-tweġiba tagħhom ta' 44 munita. Dawn huma: Marica Baldacchino, li toqgħod 17, Triq il-Barriera, Ħal Balzan; u Pierre Camilleri, li joqgħod 54, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulhom.

ĦIDMA MILL-BORD EDITORJALI

Is-sena li għaddiet (i.e. minn Settembru 1975 sa Awwissu 1976), li kienet il-ħames sena fil-ħajja ta' din il-gazzetta, kienet waħda mill-aktar attivi għall-Bord Editorjali tagħna. Apparti l-ħidma tas-soltu, jiġifieri l-pubblikazzjoni ta' sitt ħarġiet tal-gazzetta, din is-sena l-Bord Editorjali daħal għal inizjattivi ġodda.

Kalendarju 1976

Ħidma li kienet suċċess kbir ,minkejja li nvolviet xogħol kbir ukoll, kien il-Kalendarju 1976 li ġie stampat għall-ewwel darba mill-Bord tagħna fl-aħħar xhur tas-sena li għaddiet. (Ara "Ħal Balzan" Jannar/Frar 1976, paġna 2). Dan il-kalendarju tant ingħoġob, sew mill-Balzanin kif ukoll mill-barranin, li nbiegħ kollu għalkemm ħriġnieh xi ftit tard. Dan lilna għamlilna l-qalb hekk li tħajjarna nerġgħu nidħlu għal kalendarju ieħor għas-sena d-dieħla.

Santi

F'Marzu ta' din is-sena, il-Bord Editorjali stampa 'l fuq minn elf santa tal-Lunzjata bit-talba ta' l-Anġelus fuq innaħa ta' wara. Dawn is-santi tqassmu b'xejn mal-ħarġa Marzu/April 1976 fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Marija Annunzjata nhar il-25 ta' Marzu. (Ara l-Editorjal, "Ħal Balzan" Marzu/April 1976, paġna 1). Hawn nixtiequ nroddu ħajr lil dawk il-benefatturi li għenu finanzjarjament biex setgħu jiġu stampati dawn is-santi.

'Posters'

Din is-sena ġew stampati wkoll madwar mitejn 'poster' b'diversi ritratti tal-festa ta' Marija Annunzjata. Dawn inbiegħu fid-djar u fil-ħwienet tal-Parroċċa ftit jiem qabel il-festa, u ħafna minnhom ħadna pjaċir narawhom imwaħħlin fejn jidhru. B'hekk issokta jikber l-ispirtu tal-festa.

Ħarġa Speċjali

Il-ħarġa speċjali Lulju/Awwissu 1976 tal-gazzetta kienet suċċess xejn inqas kbir. Għall-ewwel darba, din il-ħarġa kienet b'sittax-il paġna, u fiha kkontribwew mhux biss Balzanin imma wkoll kittieba minn barra r-raħal. Esperiment li rnexxa ħafna kien li erba' paġni ta' din il-ħarġa speċjali kienu bl-Ingliż. Fihom ingħata tagħrif dwar Ħal Balzan u l-ġrajja tiegħu kif ukoll il-programm tal-festa. Kif għedna, din l-ideja ntlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti Ingliżi u oħrajn ta' nazzjonijiet oħra li joqogħdu f'Ħal Balzan. Dan is-suppliment bl-Ingliż forsi għen ukoll biex din is-sena reġa' kellna għadd kbir ta' turisti li ġew iżuru 'l Ħal Balzan fil-jiem tal-festa. Ta' min isemmi wkoll li xi kopji ta' dan is-suppliment tqassmu fil-lukandi u 'guest-houses' li għandna fl-inħawi ta' Ħal Balzan.

Din id-daqqa t'għajn ħafifa lejn il-ħidma tal-Bord tagħna tul is-sena li għaddiet turina li hemm ħafna xogħol xi jsir għall-ġid tar-raħal meta wieħed ikun irid jidħol għalih. U dan iġegħilna nħarsu b'ottimiżmu u ħeġġa lejn din is-sena l-ġdida li hija s-sitt waħda fil-ġrajja tal-gazzetta tagħna.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Victoria Gatt, bint Anthony u Dorothy.
Nicola Fenech, bint Joseph u Frances.
Pierre Grech Cumbo Pillow, bin Austin u Helen
Alistair Castillo, bin Anthony u Carmen
Louise Demanuele, bint Joseph u Monica
Justin Said, bin Joseph u Julie.
Charmaine Gatt, bint John u Tessie.
Ian Galea, bin Edgar u Dorothy

Ingħaqdu fl-imħabba fi Kristu

Martin Joseph Spiteri u Pauline Zammit.

Ingħaqdu ma' Kristu għal dejjem

Maria Micallef.
Bartolomeo Fenech.
Suor Beniamina Balzan, tas-Sorijiet tal-Karità.
Suor M. Eufrasina Muscat, tas-Sorijiet tal-Bon Pastur.

ATTIVITAJIET FIL-KAŻIN TAL-BANDA 'SAN GABRIEL'

Din is-sena fil-Każin tagħna ġew organizzati diversi attivitajiet m i l l-kumitat, mhux biss biex jiżdied innumru tas-soċi imma wkoll biex l-istess soċi jkollhom aktar biex jirrekrejaw ruħhom .L-ewwel li ġiet organizzata kienet il-kompetizzjoni tal-Biljard bl-għajnuna ta' Laurence Scicluna. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni, li fiha ħadu sehem numru sabiħ ta' kompetituri, kienu: (1) John Muscat; (2) Paul Vassallo; (3) Charles Degiorgio.

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Mejju 1976, bl-għajnuna tal-'Balzan Stage Amateurs', taħt it-tmexxija tas-Sur Victor Bartolo, ġiet organizzata serata għas-soċi fis-sala parrokkjali. Għan-nom tal-Kumitat irrid nirringrazzja mhux biss lill-Kumpanija 'Balzan Stage Amateurs', li tħallsu biss ta' l-ispejjeż, imma wkoll lir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan, talli għogbu jislifna s-sala b'xejn.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Mejju, il-Kumitat permezz ta' ċirkulari talab lis-soċi biex jinġabru fil-bitħa tal-Każin ħalli jittieħed ritratt tagħhom flimkien. Il-ħsieb kien li dan ir-ritratt jiġi mkabbar u jitqiegħed fis-sala tal-Każin. Però jiddispjaċini ngħid li għalkemm ir-ritratt ittieħed xorta, madankollu n-numru tas-soċi preżenti kien żgħir wisq.

Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ġunju 1976, fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesu', ġiet iċċelebrata quddiesa fil-bitħa tal-Każin mill-Kappillan ta' Ħal Balzan mgħejjun mir-Rev. Dun Ġwann Zammit Hammet. Il-letturi kienu s-Sur Valentino Muscat u s-Sur Guido Borg. In-numru ta' nies li attendew u tqarbnu kien sabiħ ferm.

Wara l-quddiesa s-soċi raw films dwar il-festi li għaddew, ġentilment mislufa mill-Kappillan, mis-Sur Charles Caruana u mis-Sur Lino Borg. Waqt il-film saret lotterija ta' ħadida tal-mogħdija ġentilment mogħtija mis-Sinjura Marlene Cipriott. Il-flus li nġabru marru b'risq il-festa.

għal paġna 4 ■

MUNDLOS - Vigorelli
L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

Barra l-pont tas-soltu din il-makna tagħmel ukoll:
- AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
- VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGĦA
- TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
- IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
- KULL DAQS TA' AĊĊETTI
- TWAĦĦIL TA' BUTTUNI
- ZIG-ZAG + REFKI
- XOGĦOL FUQ IL-LAZZ

Ara dawn il-makni meraviljużi għand:
MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA

TISLIMA LIL MARIJA ANNUNZJATA

Nhar il-festa tiegħek illum Madonna, din hi t-tislima ta' l-Insara kullimkien fil-ħin tal-ferħ u tad-dwejjaq, fil-ħin tal-paċi u tal-gwerer.

IS-SLIEM GĦALIK MARIJA!

Is-sliem huwa l-paċi li l-qalb tal-bniedem tixxennaq u tfittex, u li xi wħud isibuha għax jafu fejn hi, imma ħafna ma jsibuha qatt għax ma jfittxuhiex fejn hi — jiżbaljaw it-triq u jsibu rwieħhom waħedhom fid-dlam ta' l-għajnejn magħluqa, tal-qlub marbuta mal-passjonijiet tal-ġisem, mar-regħba u ma' l-għira u ma' dak kollu li jħarbat il-paċi ta' ġo fina, li jtellef l-irqad tal-lejl u jħarbat ix-xogħol tal-ġurnata.

BIL-GRAZZJA MIMLIJA

Il-grazzja li qisha x-xemx li ta' kull fil-għodu ddawwal lid-dinja u turi l-ħarġiet ta' ward u ħxejjex u s-sema li jgħattina u dak kollu li Alla ħalaq għal għajnejna u għall-qadi tagħna fil-ġmiel wit-tiżwiq tagħhom kollu — bla tidnis, kollox ċar u nadif, kollox kristall. Il-grazzja hi l-kristall t'Alla. Int, li bil-grazzja mimlija, imliena bil-grazzja Tiegħek biex nitgħallmu nagħżlu f'ħajjitna bejn dak li hu nadif u dak li hu maħmuġ, bejn dak li hu xieraq u dak li mhux, ħalli triqtna tkun triqtek, ja Marija, imħabbitna tkun dejjem għalik bħalma mħabbtek kienet minn dejjem għalina għaliex aħna wliedek fid-Demm ta' Ibnek Ġesù Kristu, ħuna li miet għall-fidwa tagħna.

IS-SINJUR ALLA MIEGĦEK

Għax Alla, li ħalqek, għażlek għalih minn dejjem, dak id-"Dejjem" li għal Alla la għandu bidu u lanqas tmiem, biex f'wieħed mill-aqwa waqtijiet drammatiċi fl-istorja tal-bniedem, ġufek jagħlaq ġo fih lil Ibnu magħmul Bniedem, bħalma għadhom jagħlquh waħdu t-tabernakli tal-knejjes insara tad-dinja kollha. Itlob, Marija, għalina, biex Alla Tiegħek u tagħna, li hu Ibnek u Ħuna, iħarisna mill-perikli taċ-ċiviltà żbaljata li bnejna fuq l-inġustizzji u l-vjolenza.

IMBIERKA INT FOST IN-NISA

Miljuni ta' nisa ġew f'din id-dinja u mietu, qegħdin jitwieldu u għad irid jibqgħu jitwieldu u jmutu nisa oħra, imma lil ebda mara minn dawn ma ngħata l-ġieħ tal-Maternità Divina, maħsuba għalik *ab eterno*, fil-pjan tal-Fidwa tal-Bniedem. Tabilħaqq, mela inti mbierka fost in-nisa kollha tal-bieraħ, tal-lum, u ta' għada li jingħaqdu flimkien f'kor ta' tifħir lil Alla kbir, li għażlilhom fik il-Mara Mudell tal-ġmiel u tad-dinjità. Jaħasra għad-dinja li war-rbet dan il-Mudell Qaddis u hekk tfiet id-dawl tal-grazzja ta' Alla. L-ommijiet u l-missirijiet tad-dinja kollha jaraw fik omm u oħt, ja Madonna, u fil-ħinijiet traġiċi ta' żmeni-jietna b'leħen wieħed jitolbuk: Madonna, warrabna mill-qirda ta' l-għodda li aħna stess ħdimna b'idejna, għodda kefrin u qerrieda, il-missili nukleari, il-gassijiet velenużi u li aħna l-bnedmin ħdimna għall-qirda ta' ħaddieħor. Għax mingħalina, Madonna, li meta nagħmlu hekk ser insalvaw ġidna u l-interessi tagħna. Imma fejn m'hemmx l-imħabba ta' l-aħwa ta' kull ġens, ta' kull lewn, ta' kull din, li fis-sema għandhom Missier wieħed, tidħol il-mibegħda bħal bhima qattiela, snienha mikxufa u l-mibegħda taħraq l-art li Alla ħalaq għall-għajxien ta' kulħadd bl-għodda tal-għodda tal-gwerra. Tħallix, O Madonna, li għal darb'oħra d-dinja tinħaraq bl-armi tal-mibegħda li jinħadmu fil-fabbriki għall-kummerċ li jitħallat bid-demm ta' nies maqtulin mingħajr ħniena.

IMBIEREK IL-FROTT TAL-ĠUF TIEGĦEK ĠESU'

Il-kobor Tiegħek, ja Madonna, huwa l-kobor li Bin Alla daħħal fik meta għall-fidwa tagħna tlaħħam ġo ġufek biex isir bħalna, u ġarrab id-dwejjaq li ġġarrab l-umanità, l-imħabba tas-sewwa u l-biża' tat-tradiment — dak kollu li hu tal-bniedem, ja Madonna, barra t-taħsir li hu wirt ta' Dnub in-Nisel, l-effett ta' l-ewwel ġlieda bejn Alla u l-Bniedem, għax int kont meħlusa minn dan it-taħsir biex ġo ġufek stajt tilqa' lil Iben Alla u meta twelidlek tħaddnu b'dirgħajk ma' qalbek, bl-imħabba ta' Omm li tara lil Binha qed jikber bħal kull tifel ieħor u fl-istess ħin bil-biża ta' Omm Magħżula li kienet taf x'hemm merfugħ għal Binha — il-ksir il-qalb ta' l-ingratitudni u l-kruha tat-tradiment.

Din it-tislima lill-Madonna nqrat fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Ħal Balzan mill-Professur Ġużè Aquilina B.A., LL.D., Ph.D., nhar il-festa titulari, il-Ħadd, 11 ta' Lulju 1976, qabel id-dħul tal-vara.

QADDISA MARIJA OMM ALLA

F'dan il-jum, meta ltqajna biex nagħtuk qima b'ħerqa kbira, ngħajtu minn dan il-wied tad-dmugħ:

ITLOB GĦALINA MIDINBIN

Aħna l-midinbin qisna weraq imtajjer mill-irjieħ 'l hawn u 'l hemm, imbuttati minn tqanqiliet u ġibdiet li mhux dejjem nifilħu għalihom u li ħafna drabi nħalluhom jobormuna mħabba nuqqas ta' rieda biżżejjed. Satana qed jegħlibna, għax m'aħniex niqfulu biżżejjed. Qegħdin nirtiraw il-ħin kollu. Grazzi, ja Madonna, lil Ibnek Ġesù li ta lill-Appostli s-setgħa li jaħfrulna dnubietna mhux darba, lanqas darbtejn jew seba' darbiet, imma għal kull darba li aħna naqgħu u nerġgħu nqumu, għal kull darba li nidinbu u nindmu tassew.

Itlob għalina, Madonna għax għandna tassew bżonn min jitlob għalina. Id-dlamijiet qed jinfirxu madwarna.

ITLOB GĦALINA, ISSA U FIS-SIEGĦA TAL-MEWT TAGĦNA

'Issa' Madonna hu l-ħin għaddej li għadu f'idejna, il-ħin tad-deċiżjonijiet, il-ħin tal-konverżjonijiet, il-ħin tas-serjetà li għadna ħajjin u f'saħħitna, imlaqqgħin madwarek nhar il-festa tiegħek. Imma l-ħin tal-mewt riesaq dejjem lejna ma 'kull taħbita tal-polz. Il-mewt Madonna, hija l-mument meta l-ħin ta' issa ma jibqagħlux ħinijiet oħra warajh. Jibqgħu biss l-aħħar mumenti meta l-bniedem isib ruħu waħdu, jitqabad għall-aħħar nifs tal-ħajja qabel joħroġ minn din id-dinja għal dejjem u minn dak kollu li jkun ilu jidneb għalih ma jibqagħlux ħlief il-kontijiet li jrid jagħlaqhom minnufih malli jiġi wiċċ imb'wiċċ m'Alla, l-Imħallef ta' għamilna, f'*Jum il-Ħaqq*.

Dies irae Dies illa. Dak inhar ikun jum tassew tal-biża', imma, Madonna, jekk dak inhar li nkunu qed nit-qabdu għall-aħħar nifs ta' ħajjitna f'sodditna jew fit-triq kull fejn tilħaqna l-mewt, inti tiġi fejnna u bil-ħniena ta' omm li taf tagħder twassalna għand Ibnek Ġesù bil-ħtijiet tagħna maħfura, il-mewt ma tkunx għalina biss it-taqbida għall-aħħar nifs tal-ħajja, imma tkun ukoll it-taqbida għall-ewwel qawmien fid-dinja ta' l-erwieħ it-tajba, mdaw-wla mid-dija ta' Alla nnifsu fejn il-bniedem imweġġa' ma jibqax iweġġa', jibki u jidneb, iqum u jaqa' u jerġa' jqum u jaqa' quddiem Alla ħajtu kollha imma jibqa' wieqaf għal dejjem fil-mument etern tal-viżżjoni Divina —

Ave Marija — s-sliem għalik, Marija
Aħna wliedek insellmulek
Minn dan il-wied tad-Dmugħ,
Ismagħna u ħenn għalina,
Wassalna għand Ibnek,
Madonna.
Madwarna qed jinfirxu d-dlamijiet ta' lejl il-qirda
Salvana!

■ *minn paġna 3*

titulari. Irrid nerġa' nirringrazzja lill-Kappillan, mhux biss għax-xogħol u l-paċenzja li ħa biex joqgħod jirranġa l-films, iżda wkoll talli qagħad jieħu ħsieb il-'projector' li silifna huwa stess.

Fil-21 t'Awwissu, ġie organizzat 'Disco-Dance' fil-bitħa tal-Każin bl-għajnuna ta' Twanny Debono (Scott), li wkoll ma tħallas xejn tax-xogħol tiegħu. In-numru ta' nies preżenti kien sodisfaċenti.

Matul is-sena kollha, is-surmast, Clemente Sciberras, ta lezzjonijiet tal-banda b'xejn lill-allievi. Kellna bżonn naraw aktar żgħażagħ jinteressaw ruħhom u jitgħallmu l-mużika. Aktar ma jkollna bandisti Balzanin aktar aħjar. Din is-sena kellna sitt bandisti: Abraham Muscat; Joe Borg; Laurence Scicluna; Joe Mallia; Arsenio Brincat u Antida Gauci li daqqew b'xejn fil-programmi kollha tal-festa. Antida Gauci tibqa' mniżżla fl-istorja tal-każin bħala l-ewwel tfajla li qatt daqqet mal-banda 'San Gabriel'.

Nisperaw li sena oħra norganizzaw aktar u aktar attivitajiet.

Guido Borg
Seg. Onor.

IL-KAN. S. SAMMUT JIEĦU SEHEM F'KONVENJU FL-ITALJA

Bejn il-15 u t-18 ta' Novembru sar ġo Loreto, fl-Italja, konvenju ta' l-"Unione Nazionale Italiana Trasporto Ammalati a Lourdes". Għal dan il-konvenju kien mistieden il-Kan. Dun Spir Sammut, bħala Kappillan tal-Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes. Huwa ġie mistieden flimkien mal-kappillani tas-sezzjonijiet kollha ta' l-Italja, billi huwa wkoll membru effettiv ta' l-istess "Unione Nazionale" Taljana. Nawguraw li l-ġid li nkiseb minn dan il-konvenju jieħdu sehem minnu wkoll il-morda Maltin.

PROFILI BALZANIN — 2

ABRAHAM MUSCAT



Abraham Muscat, jew Bramu, kif kulħadd isibu, twieled Ħal Balzan fis-17 ta' Jannar 1917, minn Salvu u Grezz, imwielda Xuereb. Sakemm kellu erbatax-il sena huwa kien imur l-iskola primarja ta' Ħal Balzan u Ħal Lija. Minn kmieni beda juri interess fis-sengħa ta' mastrudaxxa u, meta ħareġ mill-iskola, insibuh jaħdem mal-mastrudaxxa Emmanuele Brincat u aktar tard ma' Leone Brincat. Fl-1942 huwa żżewweġ lil Salvina Zammit u għandu sitt itfal. Matul l-ewwel snin tal-gwerra kien jaħdem mar-Royal Engineers, u fl-aħħar sena tagħha nsibuh impjegat id-dockyard. Fis-sena 1944 fetaħ ħanut għal rasu fi Triq Santa Marija, u aktar tard mar fi sqaq fi Triq it-Tliet Knejjes fejn baqa' jaħdem sa llum. Kien fis-sena 1936 li Bramu daħal soċi fil-Każin 'San Gabriel' fejn fl-1949 ġie elett membru fil-Kumitat. Baqa' jiġi elett sena wara l-oħra sa din is-sena stess. Fl-1952 inħatar bħala l-ewwel delegat tal-banda u għadu wkoll f'din il-kariga. Fl-1953 beda jiġbor għall-festa — xogħol li għadu jagħmel ukoll. Ilu jdoqq it-trumbun, li huwa tgħallem taħt is-surmast Carmelo Briffa, minn meta ġiet imwaqqfa l-banda (1952). Beda jaħdem xogħol tan-nar ta' l-art għall-aħħar tridu tal-festa titulari fl-1961.

Ix-xogħlijiet li għamel, bi ħlas jew bla ħlas, kienu diversi u fosthom insibu:

L-injam tal-kolonni li fuqhom kienet titqiegħed il-kuruna; sett kolonni lill-Konti Manduca għall-festa tal-Wardija bil-gastri b'kollox; żewġ pedestalli għall-festa tal-Wardija; il-pedestall tad-Duluri ta' Ħal Balzan; ħadem b'xejn il-planċier tal-banda; l-antiporta tal-bieb il-kbir tal-Knisja ta' Ħal Balzan; bejn is-sena 1966 u s-sena 1970 huwa, flimkien ma' oħrajn, żebagħ u rranġa 14-il pedestall u statwi li jintramaw fit-toroq prinċipali, kif ukoll ħa ħsieb xi armar ieħor; ħadem ukoll l-injam tat-twieqi ta' l-anterna; u dejjem ħa parti fil-karrijiet tal-Karnival li kien jorganizza l-każin. Bramu organizza wkoll diversi attivitajiet biex jiġbor flus għall-festa titulari.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

IXTRI KALENDARJU 1977 MAĦRUĠ
MILL-KUNSILL ĊIVIKU